PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2011/0000(INI)**

17.6.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-20 preokkupazzjoni ewlenija taċ-ċittadini u n-negozji Ewropej rigward il-funzjonament tas-Suq Uniku
(2012/2044(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Edward Scicluna

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li f'dawn iż-żminijiet ta' kriżi finanzjarja serja, l-UE jeħtiġilha tqawwi l-isforzi tagħha sabiex telimina ostakoli li jxekklu l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku, b'mod partikolari f'oqsma li jistgħu jistimulaw tkabbir ekonomiku sostenibbli, inklużi n-negozju u l-attivitajiet intraprenditorjali transkonfinali, il-forniment ta' servizzi, il-mobilità, l-aċċess għall-finanzi u l-litteriżmu finanzjarju;

2. Jikkunsidra li l-għan prinċipali tas-settur bankarju tal-UE għandu jkun li jipprovdi kapital lill-ekonomija reali, li hija waħda mill-prekundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' suq uniku bbażat fuq l-għarfien li jrawwem it-tkabbir, il-kompetizzjoni u x-xogħol;

3. Jenfasizza l-fatt li għandu jsir iktar biex jiġi żgurat li t-tkabbir ikun ta' natura sostenibbli u biex jiġi evitat li l-SME's jitgħabbew b'piżijiet żejda assoċjati mal-implimentazzjoni;

4. Jesprimi l-fehma li l-SME's għandhom ikunu l-mutur għall-irkupru u t-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tagħti attenzjoni partikolari għall-bżonnijiet tal-SME's fil-proċess tal-ikkompletar tas-suq intern.

5. Huwa konvint li l-ikkompletar tas-suq intern huwa neċessarja għall-benessri ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini tal-UE;

6. Jsħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejjeb l-għarfien taċ-ċittadini dwar it-tassazzjoni fl-UE u li jitnaqqsu l-ostakoli tat-taxxa għall-ħaddiema u l-impjegaturi transkonfinali bl-għan li l-mobilità tagħhom tiġi ffaċilitata u għall-promozzjoni ta' inizjattivi tan-negozju transkonfinali, filwaqt li ssir ġlieda kontra opportunitajiet ta' evażjoni tat-taxxa u frodi fiskali;

7. Jenfasizza għaldaqstant il-ħtieġa għal politika fiskali li tista' tkun ġustifikata soċjalment bi rwol ridistributtiv, immirata lejn it-tkabbir u li kapaċi tittratta l-kwistjonijiet serji tal-kompetizzjoni fiskali, ta' monitoraġġ effettiv, tat-tassazzjoni ta' kumpaniji offshore u tal-eliminazzjoni ta' rifuġji fiskali li qed jiffjorixxu fl-UE;

8. Jenfasizza li ċ-ċittadini kollha tal-UE li għad m'għandhomx kont bankarju fl-Istat Membru li fih irreġistraw applikazzjoni għal wieħed għandu jkollhom aċċess għal servizzi bankarji bażiċi; jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li servizzi bankarji bażiċi jiffaċilitaw l-aċċess ta' konsumaturi bi dħul baxx għal strumenti ta' ħlas bażiċi għad-depożitu, trasferiment u rtirar ta' flus kontanti fis-suq uniku, partikolarment fir-rispett ta' vjaġġar transkonfinali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni sabiex tagħmel proposta leġiżlattiva biex tiżgura proċeduri li jaġevolaw lill-konsumatur għall-ftuħ ta' kontijiet bankarji fl-Unjoni kollha kemm hi;

9. Huwa mħasseb li ċ-ċittadini tal-UE li jirtu, jirtiraw jew jitrasferixxu kapital barra mill-pajjiż ikollhom ta' sikwit jiffaċċaw tassazzjoni doppja; jitlob li jsiru aktar sforzi sabiex din

is-sitwazzjoni tittaffa; jiddispjaċih li l-Kummissjoni pproponiet biss rakkomandazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fuq il-wirt; jappella b'urġenza għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Fondi għall-Pensjoni;

10. Jinsab konvint li l-fiduċja tal-konsumatur f'suq tas-servizzi finanzjarji li jiffunzjona tajjeb tippromwovi stabbiltà finanzjarja, tkabbir, effiċjenza u innovazzjoni fit-tul; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom aċċess aħjar għal informazzjoni u pariri indipendenti f'dan is-settur u li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati;

11. Jissottolinja li sistema tal-UE li tkun imfassla tajjeb fir-rigward tal-kapital ta' riskju tista' tkun ta' benefiċċju għat-tkabbir, aċċess għall-kapital u l-ħolqien tax-xogħol; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-fatturi li min-naħa waħda huma responsabbli għan-nuqqas tal-provvista u tad-domanda għall-kapital ta' riskju u min-naħa l-oħra għal swieq bi ftit offerti ta' xiri u bejgħ;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-aċċess għal faċilitajiet mikrofinanzjarji għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' negozji żgħar, partikolarment għal dawk li għandhom f'moħħhom li jwettqu operazzjonijiet transkonfinali.

13. Jenfasizza li l-proċeduri għall-irkupru transkonfinali tal-VAT jeħtieġ li jsiru inqas burokratiċi u ta' piż għan-negozji; jenfasizza li għandu jkun hemm ukoll aktar aċċess għall-finanzjament transkonfinali ta' kapital ta' riskju;

14. Jenfasizza l-importanza li titmexxa strateġija Ewropea li tirfed l-intraprenditorija soċjali, settur ikkratterizzat minn tkabbir inklussiv, intelliġenti u sostenibli; iqis li r-regolament intiż biex joħloq tikketta ta' "Fond Ewropew tal-Intraprenditorija Soċjali" huwa l-ewwel pass f'din id-direzzjoni, u jilqgħu;

15. Jenfasizza l-bżonn ta' riformi fl-Ewropa li jippromwovu t-tkabbir u jisħaq ukoll fuq l-ikkompletar immedjat tas-Suq Uniku bħala l-prijorità kumplessiva tiegħu; jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE kkommettew ruħhom li jittrattaw it-tnax-il lieva tal-Att dwar is-Suq niku bħala kwestjonijiet prijoritarji; jitlob li l-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra dawk l-Istati Membri li għadhom ma implementawx bis-sħiħ id-Direttiva dwar is-Servizzi;

16. Ifakkar li l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-mobilità fl-edukazzjoni għolja tista' tkattar l-għadd ta' residenti tal-UE bi kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, biex b'hekk issolvi d-domanda dejjem ikbar għal ħaddiema kwalifikati fl-Unjoni Ewropea;

17. Jitlob li jiġi applikat il-prinċipju "l-ewwel aħseb fiż-żgħir" f'kull proposta leġiżlattiva, ladarba l-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq l-SMEs, il-mikroimpriżi u n-negozji familjari jeħtieġ li jiġi eżaminat minn qabel;

18. Barra minn hekk, jenfasizza li l-ambitu attwali tas-Suq Uniku, anke meta jkun implimentat bis-sħiħ, mhuwiex suffiċjenti, għax is-settur tas-servizzi jirrappreżenta kważi 80 % tal-ekonomija Ewropea attwali; għaldaqstant, jitlob inizjattivi nazzjonali kif ukoll Komunitarji biex jestendu l-firxa tas-Suq Uniku ħalli jkopri l-ekonomija Ewropea kollha biex jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-partijiet tal-ekonomija tagħna li huma intensivi fl-għarfien;

19. Huwa tal-fehma li jeħtieġ intensifikazzjoni tal-isforzi biex jinħoloq Suq Uniku Diġitali sa mhux aktar tard mill-2015, li jippermetti lill-imprendituri, l-innovaturi u l-konsumaturi biex jibbenefikaw mill-ħafna opportunitajiet offruti mis-servizzi onlajn u l-potenzjali tagħhom għall-iżvilupp;

20. Jenfasizza l-fatt li l-ebda fenomenu ieħor fl-ekonomija jew fl-istorja tal-ekonomija qatt jien fondat b'mod daqshekk fundamentali daqs il-benefiċċji reċiproċi tal-kummerċ ħieles; jiftakar li r-rivitalizzazzjoni rapida tal-kummerċ dinji kienet il-fattur prinċipali li pprevjena ripetizzjoni, wara l-kriżi tal-2008, ta' dipressjoni globali bħal tat-tletinijiet;

21. Ifittex li jwessa' l-ambizzjonijiet iktar billi jinjetta momentum politiku fl-approfondiment tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika u billi jimmira lejn ftehim ta' kummerċ ħieles u suq trans-Atlantiku li jkun integrat bis-sħiħ;

22. Jappella, f'dan il-kuntest, li jkun hemm intensifikazzjoni radikali tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ immexxija mill-UE, bil-għan li jiġu konklużi ftehimiet tal-kummerċ ħieles mal-Indja, mal-Kanada, mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u mal-membri tal-ASEAN qabel tmiem l-2012;

23. Jirikonoxxi l-piż impost fuq in-negozju Ewropew – speċjalment il-mikroimpriżi, l-impriżi żgħar u dawk medji – minn regolamentazzjoni eċċessiva dovuta għal dispożizzjonijiet nazzjonali kif ukoll Ewropej; jitlob li l-Kummissjoni tippubblika dikjarazzjoni kull sena li tidentifika u tispjega l-kost netta totali għan-negozji tal-proposti regolatorji maħruġa fis-sena preċedenti flimkien ma' proposti biex dik il-kost titnaqqas fis-sena sussegwenti;

24. Jisħaq fuq l-importanza li titkattar il-mobilità fis-swieq tax-xogħol Ewropej, speċjalment għaż-żgħażagħ; jissottolinja li l-professjonijiet regolati jeħtieġ li jiġu riformati bi qbil mad-Direttiva dwar is-Servizzi, bil-għan li jitnaqqas l-għan ta' professjonijiet regolati;

25. Jenfasizza s-sinifikat li l-konsumaturi fl-Istati Membri kollha tal-UE jitħallew jagħżlu liberament il-fornitur tas-servizzi u oġġetti għall-konsum ta' kuljum tagħhom;

26. Jilqa' inizjattivi leġiżlattivi ulterjuri maħsuba biex joħolqu Suq Uniku integrat għalkollox biex il-kompetizzjoni u l-effiċjenza jitqawwew u biex il-konsumaturi Ewropej ikollhom aktar għażla.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 31.5.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 3<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Elena Băsescu, Udo Bullmann, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Ivo Strejček, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Pablo Zalba Bidegain |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sophie Auconie, Thijs Berman, Philippe De Backer, Roberto Gualtieri, Danuta Maria Hübner, Olle Ludvigsson, Mario Mauro |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken |